MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta ta' l-24 ta' Gunju, 2009

Citazzjoni Numru. 392/2006

**A B-C**
**vs**
**D C; E F; id-Direttur tar-Registru Pubbliku;**
**u L-Avukat Dottor Renzo Porsella Flores u l-Prokuratur Louisa Tufigno, u sussegwentment sostitwiti b'G H Briffa**
**b' digriet moghti fit-2 ta' April 2009, nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lit-tifel minuri I J C**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk :

1. Illi r-rikorrenti zzewget lill-intimat D C bir-rit civili gewwa Staufenberg, il-Germanja, u fil-Kappella tal-Madonna tal-Hniena ta' Selmun, rispettivament fit-30 ta' Mejju, 2003, u fl-24 ta' Awwissu 2003.

2. Illi l-hajja mizzewga bejn ir-rikorrenti u l-intimat D C kienet saret impossibli u fil-fatt l-istess rikorrenti u l-intimat D C diga' bdew procedura ta' separazzjoni gewwa l-Germanja.

3. Illi minkejja illi r-rikorrenti baqghet tghix mal-intimat D C sat-18 ta' Gunju 2006, hija kellha relazzjoni stabbli mal-intimat l-iehor E F ghal din l-ahhar sena u nofs, u cioe' mis-sena 2004, mill-liema relazzjoni twieled Luke J C, u dana kif jidher mic-certifikat tat-twelid mahrug mir-Registru Pubbliku (kopja tieghu hawn annessa u mmarkata Dok. A).

4. Illi fil-fatt minkejja li r-rikorrenti baqghet tghix mal-intimat D C sat-18 ta' Gunju 2006, hija zammiet ir-residenza taghha gewwa Malta li kienet xtrat qabel iz-zwieg, u ilha ghal dawn l-ahhar tlett snin, minn mindu zzewget, tigi Malta fuq bazi regolari, anke fl-ahhar sena, u dana kif jixhdu d-diversi biljetti tal-ajru u tal-vapur (kopja taghhom hawn annessa u mmarkata Dok. B).

5. Illi ghalhekk, hemm kunflitt bejn ir-realta' tal-istat tal-minuri I J C u l-istat tieghu kif iddikjarat fl-att tat-twelid tieghu (ara Dok. A).

6. Illi fil-fatt I J C huwa iben l-intimat E F u mhux tal-intimat D C kuntrarjament ghal dak ufficjalment irregistrat fl-Att tat-Twelid tieghu, u dana kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawza permezz ta' testijiet u ezamijiet xjentifici skond kif dina l-Onorabbli Qorti tidderigi lill-partijiet li jaghmlu.

7. Illi l-esponenti taf bil-fatti suesposti personalment, u ghalhekk, fl-interess ta' binha l-minuri, qieghda taghmel dina l-kawza.

Jghidu ghalhekk l-intimati ghaliex dina l-Onorabbli Qorti, prevja d-dikjarazzjonijiet kollha necessarji m' ghandhiex :

1. Tiddikjara illi l-minuri I J C li twieled fl-4 ta' Ottubru, 2006 huwa l-wild naturali u bijologiku tal-intimat E F u mhux tal-intimat D C ;

2. Bhala konsegwenza tordna lill-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, li jaghmel il-korrezzjonijiet mehtiega fl-Att tat-Twelid ta' l-istess minuri (Dok. A), billi jigu miktuba l-isem u l-kunjom ta' missier it-tarbija l-minuri I J C u cioe' ta' E F, u l-post fejn twieled, billi jigu mhassra l-konnotati riferibbli ghall-intimat D C u jigu minflokhom fil-kolonni appoziti mnizzlin il-partikolaritajiet ta' E F kif inghad hawn fuq u/jew kull korrezzjoni ohra skond il-ligi.

Bl-ispejjez kontra l-intimati, jew min minnhom, li huma kollha minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata li biha d-Direttur tar-Registru Pubbliku rrisponda :

1. Illi preliminarjament fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, fil-mertu l-esponent mhux edott mill-fatti kif allegati fir-rikors guramentat u ghalhekk jirrimetti ruhu ghall-provi dwar it-talbiet, inkluz dawk it-testijiet xjentifici necessarji, ghal gudizzju ta' din l-Onorabbli Qorti.

2. Illi subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward tat-talbiet tar-rikorrenti, jehtieg illi r-rikorrenti tipprova l-impossibilita' fizika bejn il-konjugi u cioe' bejn l-intimat D C u bejnha.

3. Inoltre, minghajr pregudizzju ghas-suespost ukoll, ghandha tispecifika d-dettalji personali kollha ta' l-allegat missier naturali u cioe' ta' l-intimat E F biex jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu, dawn id-dettalji ikunu jistghu jigu inseriti fl-Att tat-Twelid in kwistjoni. Inoltre, jekk it-talbiet tar-rikorrenti jintlaqghu jehtieg li l-kelmiet "the said" jigu kancellati minn taht il-kolonna li tispecifika d-dettalji ta' l-omm tat-tarbija.

4. Illi jehtieg illi specifikat fit-talbiet in-numru progressiv ta' iskrizzjoni ta' l-Att tat-Twelid in kwistjoni li huwa 3362 tas-sena 2006.

5. Illi ghandha ssir id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern ai termini ta’ l-Artikolu 254 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

6. Illi fi kwalunkwe kaz it-tibdil rikjest fl-Att tat-Twelid mhuwiex attribwibbli ghal xi nuqqas ta’ l-intimat li ghaldaqstant m’ghandux jigi soggett ghall-ispejjez ta’ l-istanti.

Rat ir-risposta guramentata tal-kuraturi deputati, li tinsab esebita a fol.36 tal-process ;

Rat in-nota prezentata mill-kuratrici G Theresa Briffa fid-9 ta’ Gunju 2009;

Rat ir-rapport[1] xjentifiku tad-DNA prezentat u mahluf mill-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi l-affidavits prezentati ;

Ikkunsidrat ;

**L-Azzjoni**
Illi permezz ta’ l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob minn din il-Qorti dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li t-tifel taghha I J, li twieled fl-4 ta’ Ottubru 2006 u li fuq l-att tat-twelid tieghu numru 3362/2006 jinsab registrat bhala l-wild tal-konvenut D C, mhuwiex il-wild naturali ta’ dan il-konvenut, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F.

**Il-Fatti**
Illi l-attrici, li dak iz-zmien kienet tahdem fil-Germanja, zzewget lill-konvenut D C fis-sena 2003, izda hija kienet tinzel Malta regolament fejn ghandha r-residenza taghha f’ San Pawl il-Bahar. Wara ftit, hija dahlet f’ relazzjoni f’ Malta mal-konvenut E F u fis-19 ta’ Gunju 2004 dawn bdew jikkonvivu flimkien f’ dan il-post peress li l-attrici kienet tinzel Malta regolarment.

[1] Fols.98-99 u 102

Minn din ir-relazzjoni taghha mal-konvenut E F, twieled il-minuri I J fl-4 ta’ Ottubru 2006 li pero’ fuq l-att tat-twelid tieghu gie registrat bhala l-wild tal-konvenut D C.

Illi l-attrici ssostni li dan il-wild huwa t-tifel tal-konvenut E F li dejjem accettah bhala ibnu, u fil-fatt qed jitrabba minnhom f’ Malta.

Illi t-tezi attrici ssib konfort shih fir-rizultanzi tat-testijiet xjentifici tad-DNA li saru minn fuq kampjuni mehuda minn fuq il-persuni ta’ l-attrici, ta’ E F u tat-tifel ; u dawn jikkonfermaw li t-tifel I J huwa l-wild naturali u bijologiku tal-konvenut E F.

Dan premess u kkunsidrat, il-Qorti hija tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa’ t-talbiet ta’ l-attrici, u tiddikjara li t-tifel I J li twieled mill-attrici fl-4 ta’ Ottubru 2006, mhuwiex il-wild naturali tal-konvenut D C, izda huwa l-wild naturali tal-konvenut E F; u konsegwentement tordna d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid numru 3362/2006 fit-termini tat-tieni talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati mill-attrici u mill-konvenut E F konguntivament fi kwoti wgwali.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------